**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar, 2023**

**Talba Nru: 144/2021MD**

**Princess Operations Limited (C86415)**

**Vs**

**James Curtis (British Passport number 505910197)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2021[1] permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, disa' mija u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u tmenin centezimu (€1,958.81) liema ammont ikopri l-kirja ta' vettura ghal-perjodu ta' bejn l-20 ta' Frar, 2021 u s-17 ta' April, 2021, skont ftehim bejn il-partijiet u kontravvenzjonijiet maghmulha mill-konvenut tul il-perjodu tal-kirja; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug tal-fattura u kontravvenzjonijiet.

Ra l-fatturi[2] annessi mal-istess avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tal-1 ta' Dicembru, 2022,[3] u tal-15 ta' Dicembru, 2022.[4]

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 4 *et seq* tal-process.
[3] *A fol* 38 tal-process.
[4] *A fol* 40 tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2022[5] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi ghalih ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2022.[6]

Ra x-xhieda ta' Joseph Camenzuli, rapprezentant tas-socjeta' attrici[7], fejn ikkonferma li l-ammont ta' elf, disa' mija u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u tmenin centezimu (€1,958.81) ghadu dovut mill-konvenut.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fatturi annessi mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut ghal kirja ta' vettura ghal perjodu tal-20 ta' Frar, 2021 u s-17 ta' April, 2021 u kontravvenzjonijiet maghmulin fl-istess perjodu, u mix-xhieda ta' Joseph Camenzuli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici billi jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, disa' mija u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u tmenin centezimu (€1,958.81) rapprezentanti bilanc dovut ghal kirja ta' vettura ghal perjodu tal-20 ta' Frar, 2021 u s-17 ta' April, 2021 u kontravvenzjonijiet maghmulin fl-istess perjodu mill-konvenut, bl-imghax dekorribbli mis-17 ta' April, 2021[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[5] *A fol* 39 tal-process.
[6] *A fol* 40 tal-process.
[7] *Ibid.*
[8] *Vide* xhieda ta' Joseph Camenzuli.